ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 12 ta' Gunju 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Patrick Caruana - *Accountant*

Aġenda

1. Minuti;

2. Tagħrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji:
   a) *Petty Cash* Mejju 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Mejju 2013;
   c) Management Letter;
   d) Annual Budget;

5. Kuntratt Perit;

6. Gnien il-Kunsill;

7. Triq Wenzu Dalli;

8. Cameras wara l-knisja;

ĦAL GĦAXAQ

9. Speed Camera- Bypass;

10. Devoluzzjoni Shelter tal-Gwerra;

11. Pjazza Pedestrian il-Hdud filghodu;

12. Gaffiero festival;

13. ETC CIES Scheme;

14. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

---

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 6 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekonda il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>**;

a. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ircieva email minghand is-Sinjura Schembri biex tiskuza ruhastaqsiet lis-Sindku dwar jekk hux se jipprocedi bl-ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Spiteri dwar Triq San Gorg/Tumbarellu. Din l-ittra intbghatet lil Dr. Luciano Busuttil. Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar is-Sindku javvicina lis-Sur Spiteri biex jara jekk dan ta' l-ahhar hux se jwaqqaf il-procedura ta' l-ittra.

b. Is-Segretarju staqsiet dwar il-lapida li s-Sur Charles Agius qed jilmenta li tneħħiet mill-Kunsill.Hi qalet li xtaqet tkun taf il-kummentyi tal-Kunsill biex tirrispondi lis-Sur Agius. Il-Kunsill qabel li l-ahjar

ihallu lis-Sur Charles Agius jipprocedi b'dak li jrid jghamel hu. Il-Kunsill qed iqis li dan huwa kaz maghluq.

c. Is-Segretarju qalet li l-*Officer* is-Sinjura Donna Mallia gabet l-uniformi kif kien mitlub mill-Kunsill. Wara diskussjoni sar qbil li s-Sinjura Mallia tigi mistoqsija jekk tridx tixtri pinafore dress li tkun tista tilbes fix-xitwa ukoll.

ĦAL GĦAXAQ

d. Is-Segretarju qalet li ghalkemm ma nstabitx il-Memo dwar ic-cwievet tal-Kunsill, il-Kunsill ircieva risposta minghand id-Dipartiment fejn tghid li hi fid-deskrizzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv jekk tali cwievet ghandomx jinghataw lil xi persuni ohra. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm xi hadd ikollu bzonn ic-cwievet dawn jinghataw lilu u wara ic-cwievet jigu rritornati.

e. Dwar Gaffiero Productions, is-Sindku qal li kellu laqgha mieghu u sar ftehim li l-attivita ssir nhar l-24 ta' Gunju 2013 fil-pjazza tar-rahal fejn ser isir kant, zfin etc. Sar qbil ukoll li l-Kunsill ma jidhol fl'ebda spejjez.

f. Is-Segretarju staqsiet dwar it-tender tal-latrini biex tkun taf jekk il-Kunsill ghandux xi hsieb biex jinhareg tender wiehed li jinkorpora il-latrini ta' fuq Santu Rokku u dawk tal-Gnien il-Kunsill. Wara diskussjoni sar qbil li l-kuntrattur tal-latrini jinghata estensjoni sa Settembru biex it-tenders li se jiskadu johorgu kollha f'daqqa. Is-Segretarju qalet li l-ahjar it-tenders jigu rrangati jekk ikun hemm bzonn jizdied jew jitnehha xi haga qabel ma johorgu. Il-Kunsill qabel.

g. Is-Sindku qal li qabel ma tkompli l-laqgha jixtieq jinforma l-Kunsill li hu se jkun barra minn Malta mis-27 ta' Gunju sat- 3 ta' Lulju, ghaldaqstant xtaq li jahtar il-Vici Sindku s-Sur Emanuel Vassallo biex jiehu postu waqt li hu jkun imsiefer. Il-Vici Sindku accetta din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

## 3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-

1. Mill-ANSEK bagħatu fejn qed joffru lill-Kunsilli Lokali sabiex jissieħbu mal-korporattiva fejn il-ħlas għal ħames membri huwa ta' € 100. Dawn qed joffru sussidju u beneficciji. Il-Kunsill qabel li jissieheb fl'ANSEK.

2. Mit-*Transport Malta* fejn infurmaw li sinjali li kien hemm fi Triq il-Gistakor jigu mibdula. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Gvern jitlob l-

expropriation ta bicca mill-ghalqa li hemm fejn qed isir il-*parking* biex it-triq titwessa' w il-*parking* ikun ahjar

3. Mill-*Greenpak* fejn infurmaw li l-Awards ser isir fis-17.06.13 fit-7:45 p.m. ġewwa Ħal Qormi. Is-Sindku ser jattendi.

ĦAL GĦAXAQ

5a plenarja

. Mingħand ir-Regjun Nofsinhar fejn infurmaw li l-Kunsilli approvaw li jingħataw lura il-50% tal-ispejjeż li jkunu nefqu waqt attivitajiet fil-lokal. Qalu ukoll li m'ghandu isir l-ebda kuntatt dirett mal-Gwardjani Lokali jew l-Agenziji taghhom kif ukoll mad-Datatrack rigward ilmenti jew problemi izda dan ghandu jintbaghat b-email fl-Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun.

6. Mingħand Jacono Carolyn Surgent fid-*Drug Squad* sabiex tiltaqa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma Ms Carolyn fil-futur.

7. Mingħand Ms Camilleri tal-*Malta Council for the Voluntary Sector*, dwar laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji ġewwa kull lokal. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma Ms Camilleri fil-futur.

8. Mingħand il-*European Parliament Information Office Malta*, dwar seminar li sar fit-03.06.13 dwar *EU Budget*.

9. Minghand id-Dipartiment ircevejna Memo 10/2013 fejn infurmana li qed jigi innotat li qed ikun hemm kuntratti skaduti jew li m'ghandomx estensjoni.

10. Minghand il-MEPA ircevejna il-formola biex isir access Villa Mekrech. Il-Kunsill qabel li jithallu €100 biex dan l-access isir.

11. Il-Kunsill ircieva kwotazjoni minghand is-Sur Vincent Caruana ta' €94.40 biex isir il-bexx tas-sigar tal-Palm u ta' €118 biex jitnehhew skuk mejtin tas-sigar tal-harrub . Il-Kunsill qabel li dan il-bexx ghandu jsir izda iz-zkuk jitnehhew mill-Kunsill.

12. Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet biex isir l-istampar tal-fuljett, dawn kienu minghand Best Print Co. Ltd. ta' €540 + 5% VAT u minghand Palprint ta' €563 excl. VAT. Il-Kunsill qabel li tingieb kwotazzjoni ohra.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet *e-mail* lill-MEPA sabiex jintbagħat *enforcement officer* fiż-żona tal-Barrani fejn hemm *scrap yard* li qed tkerrah l-ambjent.

ĦAL GĦAXAQ

a) atu

b) E-mail lis-Sur C. Agius dwar l-irħama kommemorattiva li kien hawn il-Kunsill tal-Viċi-Sindki, fejn s-Segretarju Eżekuttiv infurmati li ma tistax twieġeb ghal xi ħaġa li ma saritx żmienha, dan jista' jivverifikah mal-Kunsilliera li kien hemm qabel.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju 2013, li kienu jammontaw għal €64.48. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€64.48 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Fenech.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Mejju 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2013 u li jammontaw għal €26,465.81. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*c.* ***Management Letter***: Is-Segretarju qalet qal li l-Awdituri mahtura mill-Gvern, wara l-indagni li ghamlu huma baghtulna l-kummenti taghhom fejn ghamlu wkoll analizi kritika ta' dawk l-elementi li fil-fehema taghhom ikunu denji li jissollevaw u wara l-Kunsill iwiegeb ghal istess Ittra taghhom.

Wara is-Sur Patrick Caruana, l-Accountant tal-Kunsill li kien prezenti ukoll ghal laqgha qara il-kontenut tal-ittra, is-Sur Fenech issekonda

l-proposta tas-Sindku dwar kif se jipprocedi il-Kunsill biex tinghata risposta ghal Management Letter. Il-Kunsill qabel.

Filwaqt li l-laqgha kompliet mal-Kunsilliera prezenti w s-Segretarju, s-Sur Caruana hejja ir-risposta tal-Management Letter u qara l-kontenut qabel din l-istess risposta tintbaghat lill-Awditur tal-Gvern u l-N.A.O.

It-text ta' l-ittra gie approvat mill-kunsilliera prezenti.

ĦAL GĦAXAQ

5. **<u>Kuntratt Perit</u>**

Is-Segretarju qalet li l-Kuntratt tal-Perit Marvin Ellul skada f'Ottubru tal-2012. Qalet ukoll li l-Kunsill irid jiehu decizjoni dwar it-tenders li l-Kunsill kien ircieva.

Is-Sindku qal li hu jixtieq li jibqa l-Perit Marvin Ellul fuq it0toroq tal-P.P.P.

Is-Segretarju qalet li l-Perit Marvin Ellul ma kienx l-orhos li kkwota ghax-xoghol ghaldaqstant l-Kunsill qabel li tintbghat email lid-Direttur Ghall-Gvern Lokali ghal parir tieghu. Qalet ukoll li decizjoni trid tittiehed minhabba li ghadda hafna zmien.

6. **<u>Gaffiero festival</u>**

Is-Sindku qal li l-attivita ta' Gaffiero ser issir it-Tnejn 24 ta' Gunju. Qal ukoll li din l-attivita' ser issir fil-pjazza tar-rahal.

Is-Sinjura Agius staqsiet ghalhiex l-ewwel gie deciz li ssir fi Gnien 2000 u issa ser issir fil-pjazza tar-rahal.

Is-Sindku wiegeb li Gaffiero ghogbitu l-pjazza aktar mill-Gnien 2000 ghaldaqstant din l-attivita' ser issir fil-pjazza. Qal ukoll li ser issir bhala Lejla Sajfija, se jsir palk zghir, ser ikun hemm loghob u anke se **jintremaw xi bandalori fil-pjazza.**

**Minhabba li kien skada il-hin tal-laqgha l-Agenda kellha tigi sospiza biex isiru s-suggerimenti.**

7. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

a. Is-Sinjura Agius qalet li hi attendiet laqgha dwar l-anzjani fis-socjeta fejn gew imsemmija l-bankini biex dawn isiru kemm jista jkun baxxi w jevitaw ir-rampi. Qalet ukoll li se tohrog *white paper* dwar dawn ir-rikjesti ghal anzjani.

b. Is-Sinjura Agius qalet li fi 25 Triq Giov. Scicluna hemm zebgha safra li trid issir ghax thassret. Il-Kunsill qabel.

c. Il-Vici Sindku qal li l-Madonna li hemm fil-Bypass irid isirilha id-dawl u anke l-irhama tal-Gnien il-Kunsill.

d. Il-Vici Sindku qal li Triq it-Terha hemm sigra li qeghda fuq il-wires li trid tinzabar. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

e. Il-Vici Sindku qal li hemm hofra fi Triq 1 ta' Jannar biex titranga. Il-Kunsill qabel.

**Aġġornament**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2013 fis-6.30pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**Ikkonfermati: L-Erbgha 10 ta' Lulju 2013**